

Brussell, 12 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7018/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0058 (COD)**

**ENV 146
CODEC 249**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 106 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (<i>Canis lupus</i>)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 106 final.

Mehmuż: COM(2025) 106 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.3.2025
COM(2025) 106 final

2025/0058 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (*Canis lupus*)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (*Canis lupus*)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fis-6 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa (il-Konvenzjoni ta' Berna) adotta l-proposta tal-Unjoni Ewropea biex jinbidel l-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (*Canis lupus*) billi l-ispeċijiet jitmexxew mill-Appendiċi II (speċi ta' fawna strettament protetta) għall-Appendiċi III (speċi ta' fawna protetta).

Dik id-deċiżjoni daħlet fis-seħħ 3 xhur wara, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Berna. Wara d-dħul fis-seħħ tagħha u sabiex din il-bidla tiġi trasposta skont il-Konvenzjoni ta' Berna, jeħtieġ jiġu emendati l-annessi tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-Ħabitats) billi r-referenza għall-ispeċijiet titmexxa mill-Anness IV tad-Direttiva għall-Anness V.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali

Il-bażi legali għal din il-proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jstabilixxi kif għandhom jiġu implimentati l-objettivi msemmija fl-Artikolu 191 tat-Trattat.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Biex il-bidliet skont il-Konvenzjoni ta' Berna jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni tal-UE, jeħtieġ tiġi emendata d-Direttiva dwar il-Ħabitats, li hija wieħed mill-istrumenti ewlenin għall-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-UE skont il-Konvenzjoni. Din l-emenda mmirata tikkonforma mar-rekwiżiti tas-sussidjarjetà.

• Proporzjonalità

L-emenda proposta tirrigwarda biss l-effetti tad-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni ta' Berna li jinbidel l-istatus ta' protezzjoni tal-lupu. Għalhekk, din il-proposta hija strettament limitata għall-bidliet fid-Direttiva dwar il-Ħabitats li jagħtu effett lil dik id-deċiżjoni fil-livell tal-UE. B'mod speċifiku, hija emenda limitata u mmirata għall-Anness IV u għall-Anness V, li tikkonċerna biss il-lupu.

- **Għażla tal-istrument**

Peress li d-Direttiva dwar il-Habitats tittrasponi d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna dwar l-istatus ta' protezzjoni tal-lupu fid-dritt tal-Unjoni, jixraq li kwalunkwe bidla fil-protezzjoni ta' dik l-ispeċi tiġi inkorporata fid-Direttiva dwar il-Habitats permezz ta' Direttiva emendatorja, permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja.

3. ELEMENTI OĦRA

- Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar

Id-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tad-Direttiva dwar il-Habitats mhumiex affettwati minn din il-proposta.

- Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Habitats jistabilixxi projbizzjonijiet dwar il-qbid jew il-qtil volontarju, it-tfixkil volontarju, u d-deterjorazzjoni jew il-qerda ta' siti tat-tgħammir jew postijiet ta' mistrieħ. B'din l-emenda, din il-protezzjoni stretta ma tibqax tapplika għal-lupu.

Imbagħad il-lupu jkun suġġett għall-protezzjoni stabbilita fl-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Habitats. L-Artikolu 14 jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri li jiżguraw li t-teħid fis-selvaġġ ta' kampjuni ta' speċijiet ta' fawna u flora selvaġġa elenkati fl-Anness V, kif ukoll l-esplorazzjoni tagħhom, ikunu kompatibbli maż-żamma tagħhom fi stat ta' konservazzjoni favorevoli.

Bħal fil-każ tal-Artikolu 12, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mir-rekwiżiti tal-Artikolu 14, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 tad-Direttiva.

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (*Canis lupus*)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Għar-raġunijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2669³, l-Unjoni ppreżentat proposta lill-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ħajja Selvaġġa u l-Ambjenti Naturali tal-Ewropa⁴ (il-Konvenzjoni ta' Berna) biex jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni tal-ispeċijiet tal-lupu fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Berna. Fl-44 laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat Permanenti approva l-proposta tal-Unjoni li l-lupu (*Canis lupus*) jitmexxa mill-Appendiċi II ("Speċi ta' fawna strettament protetta") tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-Appendiċi III ("Speċi ta' fawna protetta") tal-Konvenzjoni.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 17(3) tal-Konvenzjoni ta' Berna, il-bidla fl-istatus ta' protezzjoni tal-lupu daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Marzu 2025, 3 xhur wara d-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti.
- (3) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁵ hija strument ewlieni għall-konservazzjoni tan-natura fl-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni ta' Berna. Sabiex il-bidla fl-istatus ta' protezzjoni tal-lupu tiġi trasposta fil-qafas legali tal-Unjoni, id-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti jenħtieġ li tkun riflessa fid-Direttiva 92/43/KEE.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2669 tas-26 ta' Settembru 2024 dwar il-preżentazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta għall-emendar tal-Appendiċijiet II u III tal-Konvenzjoni dwar il-ħarsien tal-ħajja selvaġġa u l-ambjenti naturali tal-Ewropa u dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fl-44 laqgħa tal-Kumitat Permanenti għal dik il-Konvenzjoni (ĠU L, 2024/2669, 10.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2669/oj>).

⁴ Il-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ħajja ferjali Ewropea u tal-abitati naturali (ĠU L 38, 10.2.1982, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/1982/72/oj>).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj>).

- (4) It-traspożizzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tirrikjedi li r-referenza għal-lupu titmexxa mill-Anness IV tad-Direttiva 92/43/KEE għall-Anness V ta' dik id-Direttiva, b'hekk il-lupu jsir soġġett għall-protezzjoni prevista fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 92/43/KEE.
- (5) L-għan tad-Direttiva 92/43/KEE huwa li tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-bijodiversità permezz tal-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa fit-territorju Ewropew tal-Istati Membri li japplika għalihom it-Trattat.
- (6) Id-Direttiva 92/43/KEE hija strument fil-qasam tal-ambjent, li jippermetti lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi aktar stretti, dment li jkunu kompatibbli mat-Trattati, kif previst fl-Artikolu 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, għall-finijiet tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Istati Membri jibqgħu liberi li jżommu livell strett ta' protezzjoni għal-lupu.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 92/43/KEE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 92/43/KEE hija emendata kif ġej:

fl-Anness IV, jitħassar il-paragrafu li ġej:

“*Canis lupus* (minbarra l-popolazzjonijiet tal-Greċja fit-Tramuntana tad-39 parallel; il-popolazzjonijiet tal-Estonja, il-popolazzjonijiet ta' Spanja fit-Tramuntana tad-Duero; il-popolazzjonijiet tal-Bulgarija, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Polonja u tas-Slovakkja u l-popolazzjonijiet tal-Finlandja ġewwa ż-żona ta' kontroll tar-renni kif definit fil-paragrafu 2 tal-Att Finlandiż Nru 848/90 tal-14 ta' Settembru 1990 fuq il-kontroll tar-renni)”;

fl-Anness V, il-paragrafu li ġej:

“*Canis lupus* (il-popolazzjonijiet ta' Spanja fit-Tramuntana tad-Duero, il-popolazzjonijiet tal-Greċja fit-Tramuntana tad-39 parallel, il-popolazzjonijiet tal-Finlandja ġewwa l-area ta' maniġġ tar-renni kif definita fil-paragrafu 2 tal-Att Finlandiż Nru 848/90 tal-14 ta' Settembru 1990 fuq il-kontroll tar-renni, il-popolazzjonijiet tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Estonja, tal-Polonja u tas-Slovakkja)”

huwa sostitwit b'dan li ġej:

“*Canis lupus*”.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [...] [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	8
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	8
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	8
1.3.	Objettiv(i).....	8
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	8
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi	8
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	8
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	8
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':	8
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	9
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	9
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.	9
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi	9
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	9
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	9
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	10
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	10
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	12
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	12
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	12
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	12
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	12
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	12
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	12
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	13

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	13
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet	14
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali	14
3.2.1.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat	14
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali.....	16
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi	18
3.2.3.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	18
3.2.3.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	18
3.2.3.3.	Total tal-approprjazzjonijiet.....	18
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani	18
3.2.4.1.	Ifffinanzjati mill-baġit ivvutat	18
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	19
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	19
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	20
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	20
4.	DIMENSJONIJIET DIĠITALI	20
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	20
4.2.	Data	21
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	21
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	21
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	21

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu (*Canis lupus*)

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Ambjent

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Skont id-Direttiva dwar il-Habitats (id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa) il-lupu (*Canis lupus*) bħalissa huwa elenkat bħala speċi strettament protetta fil-biċċa l-kbira tat-territorju tal-UE.

Abbażi ta' analiżi fil-fond dwar l-istatus tal-lupu fl-UE, f'Diċembru 2023 il-Kummissjoni pproponiet li jinbidel l-istatus ta' protezzjoni tal-lupu fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Berna. Imbagħad il-proposta ġiet adottata mill-Kunsill f'Settembru 2024.

F'Diċembru 2024, il-Kumitat Permanenti tal-Konvenzjoni ta' Berna vvota favur il-proposta tal-UE biex l-istatus ta' protezzjoni tal-lupu jiġi adattat minn "strettament protett" għal "protett". Il-bidla daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Marzu 2025, f'konformità mal-proċedura definita fl-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni ta' Berna.

L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li tallinja l-istatus ta' protezzjoni tal-lupu fil-qafas tad-Direttiva dwar il-Habitats għall-Istati Membri kollha tal-UE mal-istatus emendat fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Berna, b'hekk minflok "strettament protett" isir "protett".

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku

L-allinjament tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu fil-qafas tad-Direttiva dwar il-Habitats għall-Istati Membri kollha tal-UE mal-istatus emendat fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Berna, b'hekk minflok "strettament protett" isir "protett".

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Emenda tal-Annessi IV u V tad-Direttiva dwar il-Habitats bil-bidla tal-istatus ta' protezzjoni tal-lupu.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-Annessi IV u V emendati fir-rigward tal-lupu (*Canis lupus*).

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

X azzjoni ġdida

- azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁶
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

M/A

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

M/A

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

M/A

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-ebda impatt baġitarju

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

L-ebda impatt baġitarju

⁶ Kif insemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

durata limitata

- fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)⁷

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- lill-korpi tad-dritt pubbliku
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- lill-korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

⁷ Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>.

Kummenti

L-ebda impatt baġitarju.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Specify frequency and conditions.

M/A

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

M/A

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

M/A

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

M/A

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Specify existing or envisaged prevention and protection measures, e.g. from the anti-fraud strategy.

M/A

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ⁸	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁹	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali ¹⁰	Minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	M/A	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	M/A	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	M/A	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	M/A	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	M/A	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE
	M/A	Diff./Mhux diff.	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

⁸ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁹ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁰ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit invutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	M/A
--	-------	-----

DĠ: <.....>			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja	Impenji	(1a)					0,000
	Pagamenti	(2a)					0,000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					0,000
	Pagamenti	(2b)					0,000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹¹							
Linja baġitarja		(3)					0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ <.....>	Impenji	=1a+1b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=2a+2b+3	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

¹¹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

	Pagamenti	(5)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA <....> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
	Pagamenti	=5+6	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali		7	"Nefqa amministrattiva" ¹² – M/A				

DĠ: <.....>	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021- 2027
•Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
•Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL DĠ <.....>	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
		Appropriazzjonijiet			

DĠ: <.....>	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021- 2027
•Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
•Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL DĠ <.....>	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
		Appropriazzjonijiet			

¹² Sabiex jiġu ddeterminati l-appropriazzjonijiet meħtieġa għandhom jintużaw iċ-ċifri relatati mal-kostijiet medji annwali, disponibbli fuq il-paġna web rilevanti tal-BUDGpedia.

TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impnjenji = Total tal-pagamenti)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
--	---	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7	Impenji	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.2. Output stmat iffinanzjat mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsimma ma tridix timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara t-Taqsimma 1.6)										TOTAL			
	OUTPUTS																			
↓	Tip ¹³	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁴ ...																				
- Output																				
- Output																				
- Output																				

¹³ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁴ Kif deskritt fit-Taqsimma 1.3.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi".

Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																	
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																	
- Output																	
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																	
TOTALI																	

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2021 - 2027
	2024	2025	2026	2027	
INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Barra mill-INTESTATURA 7					
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL					
	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, Full-Time Equivalent)¹⁵

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
• Persunal estern (PFTEs)				
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
Linja ta' appoġġ amministrattiv [XX.01.YY.YY]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0

¹⁵ Speċifika taħt it-tabella, kemm mill-FTEs fl-għadd indikat huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew jistgħu jiġu riallokati fid-DĠ tiegħek, u x'inhuma l-ħtiġijiet netti tiegħek.

01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0
TOTAL	0	0	0	0

Il-persunal meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-proposta (f^oFTEs):

	Għandu jiġi kopert mill-persunal attwali disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni	Persunal addizzjonali eċċezzjonali *		
		Għandu jiġi ffinanzjat skont l-Intestatura 7 jew mir-Riċerka	Għandu jiġi ffinanzjat mill-linja BA	Għandu jiġi ffinanzjat mit-tariffi
Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal	-	M/A	M/A	M/A
Persunal estern (CA, SNEs, INT)	-	M/A	M/A	M/A

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu minn:

Uffiċjali u persunal temporanju	Ir-riżorsi umani meħtieġa għall-proposta huma koperti mill-persunal eżistenti tad-DĠ ENV. Madankollu, is-segwitu tal-proċedura ta' kodeċizzjoni jaf ikun jeħtieġ sforz sostanzjali. L-implimentazzjoni ta' din il-proposta għal emenda se tkun parti mill-implimentazzjoni ġenerali tad-Direttiva 92/43/KEE.
Persunal estern	M/A

3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

TOTAL tal-appropriazzjonijiet diġitali u tal-IT	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021 - 2027
INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal tal-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Barra mill-INTESTATURA 7					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
TOTAL	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000

3.2.6. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)
- tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP
- tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

3.2.7. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati					

3.3. *Impatt stmat fuq id-dħul*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ¹⁶			
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
Artikolu					

¹⁶ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

When completing this Section, it is acceptable to present the information in a table format, where appropriate.

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Din il-proposta tirrigwarda biss it-traspożizzjoni tad-deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Konvenzjoni ta' Berna dwar l-istatus ta' protezzjoni tal-lupu, u għalhekk ma għandha l-ebda rilevanza għall-ġhoti diġitali ta' servizzi pubbliċi.

4.2. Data

M/A

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

M/A

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

M/A

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

M/A